



# Ġużeppi Saydon PH.C.

Jeremy Cachia

***F'dan l-artiklu se niltaqgħu ma' persuna oħra li tant ħabbet lil Santa Katarina u l-festa għażiża tagħha. Intervistajna lit-tliet uliedu Ġorġina, Giovanna u Katarina biex niskopru aktar min kien u kemm kienet kbira mħabbtu lejn il-patruna tagħna.***

**Meta nisimgħu l-kunjom Saydon, jiġina f'moħħna l-Profs. P.P. Saydon, Dun Pawl Saydon, Dun Vinċens Saydon u forsi ftit li xejn Ġużeppi Saydon.**
Ġużeppi miet żgħir ta' sitta u erbgħin sena u miet fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Forsi għalhekk ma tantx jinstema' dwaru. Profs. P.P. Saydon jiġi primkuġin ma' missierna; Dun Pawl Saydon jiġi ħu missier Ġużeppi u Dun Vinċens ħu Ġużeppi missierna. Ħaġa waħda hemm komuni bejniethom: imħabba kbira lejn Santa Katarina!

**Mela għidulna min kien Ġużeppi**
Ġużeppi missierna hu bin Michelangelo u Ġorġa neè Coleiro, Qormija. Iżżewweġ lil Elena neè Borġ minn Ħal Qormi nhar it-28 ta' Ottubru 1928 u miż-żwieġ tagħhom twieldu tmint itfal, erbgħa mietu żgħar u l-erbgħa l-oħra l-Mulej sellifhom aktar snin: Ġorġina, Katarina, Giovanna u Jessie (illum mejta).
Il-professjoni ta' Ġużeppi kienet ta' spiżjar, għalkemm ix-xewqa tiegħu kienet li jsir tabib. Kien rappreżentant taż-Żurrieq fil-Kunsill Nazzjonali ta' pajjiżna, President tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina bejn l-1923 u l-1930 u Prokuratur tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju.

**Għidtli li xtaq isir tabib. Għaliex ma sarx?**
Iva, meta ggradwa bħala spiżjar fl-1918 kompla l-istudji għal tabib, iżda fl-aħħar eżamijiet ġrat xi ħaġa li tellfitu milli jiggradwa bħala tabib.

**X'ġara?**
L-ispiżjar Ġużeppi Saydon kien dilettant kbir tan-nar. Kien jaħdem in-nar għall-festa ta' Santa Katarina. Kien jesperimenta fil-kimika u kellu diversi riċetti tiegħu. U waqt li kien qed jesperimenta ħaditlu t-taħlita. Baqa' ħaj b'miraklu imma nħaraq sew. Dan kollu ġara l-Ħadd wara nofsinhar fis-sena 1920 fid-dar t'ommu fi 'Queen Street', illum triq iċ-Ċombini, magħrufa minna bħala t-Triq taz-Zutli (fejn toqgħod Ms Saliba). Il-blast xewa ċ-ċertifikat tiegħu ta' spiżjar u d-diversi kotba li kellu, iżda b'xorti tajba ma splodewx il-murtali li kellu fil-kamra! L-ispiżjar għamel ħiltu biex joħroġ mill-kamra iżda l-bieb ma setax jiftħu. Biex isalva lilu nnifsu milli jibla' l-blast perikoluż, niżel wiċċu fl-art ħalqu taħt il-bieb, biex jieħu l-arja ta' barra l-kamra.



L-isplużjoni nstemgħet sew. Waslu l-puluzija u t-tabib Ċeċi (li kien miżżewweġ iż-Żurrieq għand il-familja ta' Dr. Carmelo Caruana u kien ipoġġi ż-Żurrieq. Kellu karozza Nru 7). X'ħin daħal ħdejh sabu mixwi. Lil ommu taha l-parir ma tarahx għax kien qisu San Lawrenz qalilha! Ittieħed l-isptar u sab jikkurah l-infermier żurrieqi Indrin Tonna ta' Żebbuġa. L-aħbar ġriet mar-raħal f'leħħa ta' berqa: "Sar terremot fuq il-Pirjoliż", dan minħabba l-laqam tal-familja, "tal-Pirjola". Dam ħafna jtabbab, sew l-isptar u sew id-dar. Kien jassistih ħafna ċertu Vitor D'Alfonso. Saritlu ħafna ħsara f'idejh. L-ewwel darba li sar l-'iskin grafting' f'Malta, sar fuqu! Ġużeppi kellu jitlef il-kors ta' tabib u baqa' spiżjar.

**Il-ħajja trid tkompli. X'ġara wara li ħa saħħtu mill-ġdid?**
Missierna kien bniedem li ma jaqtax qalbu. Minkejja l-ħsara kbira f'subgħajh, kollox kien jagħmel. Iżżewweġ u fid-dar tiegħu, bieb ma' bieb tal-każin (f'ta' Bondina) fetaħ l-ewwel spiżerija tiegħu. Kien jipprepara l-mediċina xorta hu. Sar President tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina fejn dam seba' snin.



# Memorji mill-Passat



*Disinn tal-bizzilla magħmul mill-ispiżjar Ġużeppi Saydon*

**Minkejja l-ħsara f'subgħajh għidtuli li kien baqa' jagħmel kollox, hux veru?**
Iva, missierna kien jgħidilna, "tgħidux ma nafx nagħmilha, imma ma rridx. Trid tipprova!" Fil-fatt missierna, minkejja li kien weġġa' sew ħiet id-drapp kollu tat-trofej ta' Triq Santa Katarina – dak iż-żmien id-daħla ewlenija tar-raħal; baqa' jaħdem il-bizzilla biċ-ċombini, jaħdem l-arkett, jibni l-ħitan tas-sejjieħ, jiskolpi fil-ġebla u saħansitra ħadem iż-żewġ kolonni tas-siġar li sa llum jintramaw bejn l-istatwa tal-Papa Ġwanni Pawlu II u żmien ilu kienu jintramaw quddiem l-Arċipriet. Iva kien ġenju fix-xogħol tal-idejn. Dak li jara b'għajnejh kien jagħmlu b'idejh. Kien iħażżeż ħafna disinni għax-xogħol tal-bizzilla, u a propositu tal-bizzilla, il-bizzilla tat-terħa tal-artal tal-Kor kien ħietha hu. Ħadimha fuq it-tond, biċċa xogħol kbira għal min jifhem fil-bizzilla! Tant kien kuraġġuż u ma jaqtax qalbu li saħansitra, meta weġġa' subggħajh kien jikteb b'subgħajh ta' saqajh!

**Sa ftit taż-żmien ilu, mad-dar tagħkom kellkom spiżerija.**
Iva, fl-1934 mid-dar tal-Bondina, ġejna noqogħdu hawn, u fetaħ hawn l-ispiżerija tiegħu. Kienet l-ispiżerija tad-distrett. Wara l-mewt ta' missierna għamlet xi żmien magħluqa, imma mbagħad ħadha l-ispiżjar Vella, magħruf bħala l-ispiżjar ix-xiħ!

**Tiftakru xi affarijiet li għamel kemm dam President tas-Soċjetà tagħna?**
Aħna konna żgħar, imma żgur li fi żmienu sar il-pedestall ta' Santa Katarina tal-Pjazza. L-iskultur Carmelo Tonna kien jorqod il-Każin tagħna u missieri kien jipprovdilu bi flusu l-ikel ta' kuljum. Saru wkoll id-disinni tal-pedestalli tal-filosfi u kif għednielek saru dawk il-kolonni tas-siġar u d-drapp ta'Triq Santa Katarina. Fi żmienu wkoll beda jsir iġ-ġiġġifogu fl-Ottava (ġimgħa wara) tal-festa ta' Santa Katarina. Kien mar għand Marinton Camilleri (ta' Qamħa) u kien talabha tibda tiġbor għalih. Hi aċċettat bil-ferħ u mhux talli ġabritu kollu, imma kien baqagħlha aktar. Meta staqsiet lil Ġużeppi, qalilha nagħmlu opra ġdida fil-Knisja u saret il-loppa tal-lampier il-kbir! Sa ma mietet Marinton baqgħet tagħmel opra ġdida kull sena fil-Knisja.

**X'karattru kellu missierkom?**
Missierna kien bniedem serju u ħalqu magħluq. Kien tal-affari tiegħu u qalbu tajba, kif ukoll karitattiv. In-nies kienu jafdaw ħafna fih u kien jaf jagħti parir mediku. Ġieli flok tħallas tal-mediċina, ta l-flus hu mal-mediċina. Dak iż-żmien kien hawn ħafna faqar. Kien attiv u ħabrieki, dedikat. Kellu mħabba enormi lejn Santa Katarina ta' Lixandra.

**Kif miet missierkom Ġużeppi?**
Missierna miet żgħir ta' sitta u erbgħin sena fl-isplużjoni tat-'time bomb', li kienet waqgħet wara l-Knisja nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju 1942. 'Shrapnel' tal-bomba laqtitlu rasu u ħallietu mejjet. Lilna ħalliena żgħar ħafna. Jessie ż-żgħira kienet għadha tarbija ta' sena. Niftakru xi zijiet iduru magħna u ommna tibki. Giovanna damet żmien tgħajjatlu, sakemm ommha b'qalbha muġugħa sikktitha "toqgħodx tgħajjatlu għax mhux ġej".

**Issa x'tiftakru intom ta' ċkunitkom, speċjalment fejn tidħol il-festa ta' Santa Katarina?**
Niftakru xi ftit il-gwerra, bis-sireni jdoqqu l-'air raids'. Fil-pjazza kien hemm ix-xelter fejn kienu jitwieldu t-tfal. Konna nkunu nafu min kien se jwelled, għax xi ġurnata qabel kien jitla' l-missier iġorr il-mitraħ fuq dahru għal martu! Ġużeppa Zahra neè Bilocca (il-Giża) kienet speċi ta' 'maid' u ma kienet tħalli l-ebda raġel jersaq 'l hemm! Niftakarna mmorru fix-xelter ta' Marigus, u Żija tagħtina l-kafè.
Imbagħad kienet tasal il-festa. Konna nistennewha bil-ferħ. Kull sena konna nżanżnu xi libsa u daqqa xi kowt. Konna mmorru l-funzjonijiet kollha ta' ġewwa l-Knisja u konna mmorru xi siegħa qabel biex nerfgħu s-siġġijiet għal tal-familja. Konna mmorru t-tridijiet, it-Translazzjoni u l-quddiesa tal-Paniġierku. Xejn ma konna nfallu. Anke l-Ottava, Ħadd wara! Aħna





ngħixu fil-pjazza u konna ngawdu kollox - marċijiet, iġ-ġiġġifogu li kien isir quddiem u wara Santa Katarina tal-Pjazza...

Niftakru mmorru nkantaw l-Innu l-Kbir ta' Santa Katarina fuq il-pjanċier lejliet u nhar il-festa. Niftakru l-bibità għand l-Arċipriet fil-jum tas-Sibt waqt il-marċ ta' filgħodu. Niftakru r-rota l-kbira tintrama quddiem l-Arċipriet, u ż-żewġ pjanċieri jintramaw fil-pjazza, wieħed quddiem il-Każin (bħal-lum) u l-ieħor quddiem ta' Marigus.

Niftakarna wkoll naraw in-nar tal-ajru. Kien jinħaraq minn għalqa li missierna kien xtara apposta, illum hemm it-Triq Marjanu Gerada. In-nar kien jidher tiela' minn wara l-Arċipriet u n-nies kienu jimlew il-bokka ta' Strada Rjali biex jaraw in-nar. Niftakarna nieħdu pjaċir naraw in-nar hekk kif l-istatwa proċessjonali ta' Santa Katarina kienet tasal taħt l-Ark Trijonfali. Niftakru lis-Surmast Donċiċ tal-King's Own, b'dik l-uniformi, jfittex lil missierna. Niftakru l-ħruq tal-maskli minn Toni ta' Marigus u Karmnu ċ-Ċumni mal-ġnub tal-Knisja, ħdejn l-Oratorju u mad-dawra tal-Misraħ. Dawn niftakruhom ukoll fil-festa ta' San Ġużepp u ġieli f'tar-Rużarju wkoll.



University of Malta.

This is to certify

That Mr Giuseppe Saydon

son of [illegible]

Matriculated as a Student in the

University of Malta, at the September

Examination in the Year 19[illegible] and

was placed in the Ordinary Division

having satisfied the Examiners in

| | |
|---|---|
| Latin | Mathematics |
| English | Physics |
| Italian | Religious Doctrine |

[illegible]

*Ċertifikat mill-Università ta' Malta miksub mill-ispiżjar Ġużeppi Saydon*



*Kwadru skulturat mill-ispiżjar Ġużeppi Saydon*

Xena tal-maskli li konna nieħdu pjaċir naraw kull sena kienet ta' Karmnu ċ-Ċumni quddiem il-Knisja (Triq P.P. Saydon kienet ineżistenti), iħares lejn l-arloġġ tal-Knisja u bla ma jfallilu kien jaħraq masklu eżatt qabel l-ewwel tokk tal-arloġġ f'nofsinhar. Imbagħad idoqqu l-qniepen u magħhom il-murtali u l-maskli. Kien rit preċiż li ma jfallix. Ħafna memorji sbieħ ta' ġrajjiet festivi u ta' tant nies li matul is-sena ħabbew b'qalbhom kollha 'l Santa Katarina u l-festa tagħha! Niftakru wkoll wara l-Barka ta' kull Tridu tal-festa kienu jinħarqu l-irdieden fuq il-bejt tal-Każin.

**Intom bħala familja, fuq l-eżempji sbieħ ta' missierkom, bqajtu benefatturi sew tal-Knisja u sew tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina. Ta' dan nixtiequ nirringrazzjawkom minn qalbna.**

Iva, aħna tajna diversi għotjiet għal diversi opri, fosthom il-brazzi tal-altar maġġur, l-istatwa ta' Santa Katarina fuq il-monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II u donazzjonijiet oħrajn. B'dan il-mod żammejna ħajja wkoll il-memorja tal-għażiż missierna Ġużeppi li tant kien iħobb lil Santa Katarina.

**Għandkom xi messaġġ għall-qarrejja?**

Iva, ħobbu lil Santa Katarina u kunu devoti tagħha. Itolbuha. Aħna, ommna u missierna għallmuna ngħidu Missierna, Sliema u Glorja f' ġieħ San Ġorġ u Santa Katarina u bqajna ngħiduhom kuljum sal-ġurnata mqaddsa tal-lum. Ħobbu u kunu preżenti għall-funzjonijiet festivi tal-Knisja. Hemm il-vera festa, fil-Knisja. Il-Knisja tkun Ġenna fil-festa u għandna funzjonijiet sbieħ u tassew rikki. U kulħadd jagħti l-kontribut tiegħu biex il-festa ta' Santa Katarina tibqa' kbira u tassew sabiħa.